MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Numru. 825/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond Borg]**

**vs**

**Anne Marie Sant**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Anne Marie Sant detentrici tal-karta tal-identita` numru 0199187(M).

Akkuzata talli nhar is-16 ta’ Lulju 2008, ghall-habta ta’ filghodu, u/jew wara din id-data, f’dawn il-Gzejjer:
1. Bil-hsieb li taghmel hsara lil David Azzopardi, akkuzat lil din il-persuna quddiem Awtorita` kompetenti b’reat, cioe` dak ta’ stupru bil-vjolenza, filwaqt li kienet taf li din il-persuna kienet innocenti;

2. Bil-qerq holqot, jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ’l quddiem jiswew bi prova kontra persuna jew persuni ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna jew persuni jkunu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta’ reat jew reati; u

3. Iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat id-dokumenti kollha pprezenati inkluzi l-fedina penali tal-imputata li ghalkemm mhijiex wahda netta mhijiex tali li tipprejokkupa lill-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali kif ukoll l-ammissjoni tal-imputata li giet ikkonfermata anke wara li nghatat zmien opportun biex tahsibha.

Illi ghal dawn il-motivi,
U wara li rat l-Artikoli 101 u 110 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputata Anne Marie Sant hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7A tal-Kap. 446 qed tpoggiha taht probation order ghal zmien sena u ghal dan il-ghan ghandha titqabbad persuna ghas-sorveljanza tal-istess.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------